# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 8**
**Rikors maħluf numru 17/2016/1 JVC**

**Martin Farrugia**

***v.***

**Paul Farrugia,**
**Maria Ewkaristika Farrugia,**
**Lawrence Pisani u**
**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, fit-3 ta' Ottubru 2017 li laqgħet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-attur.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Illi permezz tar-rikors ġuramentat odjern l-attur Martin Farrugia talab lil din qorti sabiex tiġi denegata l-paternità tal-konvenut ħuh Paul Farrugia *ai termini* tal-artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan

*stante* li l-attur jallega li Paul Farrugia mhux iben naturali tal-istess missieru Giorgio Dolindo Farrugia iżda jallega li huwa iben il-konvenut l-ieħor Lawrence Pisani. Skont l-attur huwa jsostni li jaf li l-konvenut Paul Farrugia huwa frott relazzjoni li ommu l-konvenuta Maria Ewkaristika Farrugia allegatament kellha mal-konvenut Lawrence Pisani. L-attur għalhekk qed jitlob li din il-qorti tiddikjara u tawtorizza korrezzjonijiet fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Paul Farrugia sabiex huwa ma jibqax ikun magħruf bħala iben naturali ta' Giorgio Dolindo Farrugia iżda bħala iben naturali tal-konvenut Lawrence Pisani. *Ai termini* taċ-ċertifikat tat-twelid esebit *a fol.* 6 tal-proċess jirriżulta li l-konvenut Paul Farrugia huwa indikat bħala iben naturali ta' George Dolindo Farrugia u Eucharistica '*wife of the said George Dolindo Farrrugia'*, imwieled nhar it-13 ta' April tas-sena 1976 u għaldaqstant illum għandu wieħed u erbgħin sena (41). Da parti tiegħu l-attur twieled fis-sena 1961 u għaldaqstant huwa madwar ħmistax-il sena (15) akbar mill-konvenut. Flimkien mal-attur u l-konvenut jirriżulta li hemm tliet aħwa oħra, George li huwa l-kbir, Frances u Simone, filwaqt li Paul huwa l-iżgħar wild fost l-aħwa.«

3. L-attur għalhekk talab lil din il-qorti sabiex:

»1. previa, okkorrendo bl-opera ta' periti tekniċi u okkorrendo wkoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki ġenetiċi u xjentifiċi kontemplati fil-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistgħu jiġu ordnati mill-qorti u kondotti mill-periti tekniċi talvola nominati, tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut ma huwiex iben naturali tad-defunt Giorgio Dolindo Farrugia kif jirriżulta dikjarat fl-att tat-twelid li jġib in-numru progressiv ta' reġistrazzjoni 104/1976 u dana għar-raġunijiet fuq imsemmija;

»2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha neċessarji u opportuni fl-att tat-twelid tal-imsemmi Paul Farrugia li jġib in-numru progressiv ta' reġistrazzjoni 104/1976 u jagħmel dawk l-annotamenti neċessarji fl-istess att tat-twelid ta' Paul Farrugia sabiex isem Giorgio Dolindo Farrugia u l-konnotati tiegħu ma jibqgħux jidhru fuq l-imsemmi att taħt il-kolonni intestati: "Isem u kunjom", "Professjoni, sengħa jew stat ieħor", "età", "fejn twieled", "fejn joqogħdu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux ħaj jew mejjet" u minflok jidħol l-isem u l-kunjom tal-konvenut Lawrence Pisani u l-konnotati u d-dettalji l-oħra kollha tiegħu rikjesti mil-liġi kif ukoll kull dettal ieħor li dina l-onorabbli qorti jogħġobha tordna.«

4. Il-konvenuti Paul Farrugia, Ewkaristika Farrugia u Lorenzo Pisani ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, ta' preskrizzjoni ta' tletin sena taħt l-art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili u l-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»… … …

»Il-konvenuti Paul Farrugia u Ewkaristika Farrugia jżidu mal-eċċezzjoni tagħhom illi "l-avvenimenti li dwarhom l-attur qed jilmenta u r-reġistrazzjoni li jrid jikkoreġi ġrat 'il fuq minn tletin (30) sena, għaliex *si tratta* minn reġistrazzjoni li saret fis-sena 1976, erbgħin sena ilu".

»Illi dwar il-fatt illi l-konvenut Paul Farrugia twieled fis-sena elf disa' mija sitta u sebgħin (1976) u li r-reġistrazzjoni … nhar l-għaxra (10) ta' Mejju, elf disa' mija sitta u sebgħin (1976) ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet.

»Fil-bqija iżda s-sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni bejn l-attur u l-konvenuti huma għal kollox opposti.

»… … …

»Illi dwar l-applikabilità *o meno* tal-artikolu 2143 għall-każ odjern din il-qorti tirrileva li appuntu fejn il-leġislatur ried li dan l-artikolu ma japplikax għal xi azzjoni partikolari dan ġie speċifikat fil-liġi kif fil-fatt sar fil-każ tal-artikolu 84 tal-Kap. 16 tal-Liġi ta' Malta li jaqra kif isegwi:

> »"M'hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni għal tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu."

»Il-liġi ma tagħmel iżda l-ebda eċċezzjoni għall-artikolu 77 tal-istess Kap. 16 u li fuqu huwa dikjarat fir-rikors ġuramentat tal-attur li hija msejsa l-kawża tiegħu. Dan ifisser allura *a contrario sensu* li la darba l-liġi ma tagħmel ebda eċċezzjoni speċifika allura hija applikabbli l-preskrizzjoni trentennali estintiva *ai termini* tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 għall-azzjoni kontemplata fl-artikolu 77 kif proposta mill-attur.

»… … …

»… … … din il-preskrizzjoni kif sottomessa mill-istess konvenuti tirrikjedi li sabiex tirnexxi l-kontro-parti kellu jeżerċita l-azzjoni fi żmien tletin sena minn meta l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata. Illi dwar il-perkors ta' aktar minn wieħed u erbgħin sena (41) mit-twelid ta' Paul Farrugia u r-reġistrazzjoni tiegħu bħala iben naturali ta' Giorgio Dolindo Farrugia mill-istess Giorgio Dolindo Farrugia, kif ġà ingħad, ma hemm l-ebda dubju u lanqas kontestazzjoni. Għalhekk jirriżulta li għal dak li huwa obbligu da parti tal-konvenuti li jippruvaw it-trapass tal-perjodu ta' tletin sena (30) dan jirriżulta li ġie pruvat u anki ben oltre.

»Għandu jingħad iżda li l-argument tal-attur fis-sottomissjonijiet tiegħu huwa li l-perjodu ta' tletin sena applikabbli għal preskrizzjoni estintiva ma għandux jitqies li beda jiddekorri mit-twelid u r-reġistrazzjoni tal-konvenut Paul Farrugia iżda skont l-attur jew minn meta miet il-missier fis-sena elfejn u erbgħa (2004) u allura l-attur wiret lill-istess missier jew minn meta l-attur sar jaf bl-allegazzjoni li Paul Farrugia mhux ħuh naturali min-naħa ta' missieru. Lanqas l-attur stess ma jidher ċert fuq liema bażi eżatt qed isostni li l-perjodu ta' tletin sena ma ddekorriex fil-konfront tal-azzjoni msejsa minnu. *Al termini* ta' ġurisprudenza din il-prova tinkombi fuq l-istess attur li qed jipproponi l-kawża.

»Illi mil-lat ta' provi rilevanti għal din l-eċċezzjoni din il-qorti ser tagħmel referenza għar-rikors bil-ġurament, *affidavit* u xhieda tal-attur.

»Fir-rikors ġuramentat l-attur jiddikjara li huwa jaf bħala fatt li l-konvenut ma huwiex iben naturali ta' missieru iżda huwa l-iben naturali ta' Lawrence Pisani. Fir-rikors ġuramentat l-attur ma jsemmix meta huwa sar jaf b'dan kollu u għalhekk sa dan il-punt din il-qorti ma għandha l-ebda prova dwar meta sar jaf l-attur.

»Fl-*affidavit* tiegħu … l-attur jallega li missieru saħansitra erba' snin qabel twieled Paul ġà kien qed jissuspetta li oħtu l-oħra Simone li twieldet erba' snin qabel Paul ma kinitx tiegħu. Apparti l-fatt li din l-

allegazzjoni f'dan l-istadju tal-proċeduri għadha biss allegazzjoni u l-qorti mhix ser tesprimi ruħha fuqha, jekk din il-qorti kellha tieħu bħala fatt allura x-xiehda tal-istess Martin dan ifisser li l-missier, Giorgio Dolindo Farrugia, ġie kellu suspetti fuq martu sa minn qabel it-twelid ta' Paul Farrugia; nonostante dan iżda l-missier sad-data tal-mewt tiegħu għażel li ma jieħu l-ebda azzjoni fuq l-aħħar żewġ ulied tiegħu u *cioè* Simone u Paul Farrugia. Isegwi ma dan li jekk din il-qorti kellha tieħu l-azzjoni ta' Martin Farrugia bħala waħda magħmula fil-vesti tiegħu bħala eredi ta' missieru dan ifisser allura li l-attur bħala eredi daħal fiż-żarbun ta' missieru fil-mument tal-mewt. Jirriżulta lil din il-qorti li fil-mument tal-mewt ta' Giorgio Dolindo Farrugia l-konvenut Paul Farrugia ġà kellu l-età ta' tmienja u għoxrin sena (28) u għalhekk mill-perjodu estintiv tal-preskrizzjoni ġà kienu għaddew tmienja u għoxrin sena (28). Sentejn wara għalaq il-perjodu preskrittiv ta' tletin sena u ma jirriżultax li sa dak in-nhar l-attur fil-vesti tiegħu ta' eredi kien ħa xi azzjoni li skont il-liġi twaqqaf jew tissospendi l-perjodu ta' preskrizzjoni eċċepit. Dan *nonostante* li mill-provi jirriżulta li l-attur kien ġej u sejjer għand l-avukati fuq kwistjonijiet oħra. Jirriżulta għalhekk li fil-vesti tiegħu ta' eredi ta' missieru l-attur skadielu żmien li jipproponi l-azzjoni odjerna lura fis-sena elfejn u sitta (2006) meta skadew it-tletin sena (30) mir-reġistrazzjoni tat-twelid ta' Paul Farrugia. Bir-rispett kollu lejn l-attur, l-argument tiegħu li l-perjodu preskrittiv beda jiddekorri minn meta huwa wiret il-missieru legalment ma jagħmel l-ebda sens *stante* li allura skont l-istess argument kull meta l-istess eredita' tgħaddi għand persuna oħra, eżempju mal-mewt tal-attur, skont l-attur jerġa' jibda jiddekorri d-dritt sabiex l-eredi jattakkaw il-paternità tal-konvenut Paul Farrugia u qatt ma jkun hemm tmiem għax l-istorja tibqa tirrepeti ruħha b'inċertezza kbira għall-konvenut Paul Farrugia tul ħajtu kollha. Ċertament ma kinitx din l-intenzjoni tal-leġislatur b'mod speċjali f'ambitu ta' liġi partikolari li tpoġġi fuq quddiem l-ewwel u qabel kollox l-interess tal-minuri (il-wild) tant li tipprovdi għal eċċezzjoni speċifika għall-inapplikabilità tal-perjodu ta' preskrizzjoni f'każ li l-kawża tinfetaħ mill-istess wild konċernat u timponi wkoll perjodi qosra ta' xhur sabiex saħansitra l-missier jintavola kawża għad-denegata paternità ta' wild.

»Illi fl-affidavit tiegħu ukoll l-attur jiddikjara verbatim kif isegwi:

> »"Jiena naf bħala fatt li l-konvenut Paul Farrugia ma huwiex iben naturali ta' missieri, id-defunt Giorgio Dolindo Farrugia, iżda huwa l-iben naturali tal-konvenut l-ieħor Lawrence Pisani. Għal ewwel kont qed nisma din ix-xniegħa mingħand in-nies għal diversi snin. Jiena kont immur nistaqsi lil ommi dwar dak li nkun għadni kif smajt u hi dejjem kienet tweġibni u tgħid li l-konvenut Paul Farrugia kien iben missieri. Wara li kien ġie nieqes missieri u *cioè* fit-13 ta' Lulju 2004 dawn ix-xnigħat xorta waħda bqajt nismagħhom. Meta kont nistaqsieha hija kienet tgħidli li l-konvenut Paul Farrugia tant kien ta' missieri li huwa kien semmieh għal ommu Pawla. Fis-sena 2013 jien u ommi kellna kwistjoni u fis-saħna tal-mument jiena erġajt staqsejt lil ommi għala kienet għamlet hekk lil missieri. Hi qabżet u qaltli 'għax hekk ridt u tindaħħalix'."

»Illi minn dak suespost jirriżulta ċar f'għajnejn din il-qorti li huwa l-attur stess li jammetti li hu ilu jaf għal diversi snin bix-xniegħa li Paul Farrugia mhux ħuh. *Inoltre* meta wieħed janalizza l-*affidavit* tal-attur u li kieku l-qorti kellha toqgħod fuq l-istess *affidavit* dejjem *ai fini* ta' din l-eċċezzjoni l-qorti tinnota li l-attur jagħti ħafna dettalji dwar x'kien jiġri fiż-żmien li twieled Paul Farrugia saħansitra kemm-il flixkun *whisky*

allegatament kien jixrob il-konvenut Lawrence Pisani. La darba jirriżulta li erba' snin wara t-twelid ta' Paul Farrugia l-attur kien ġie għalaq l-età ta' tmintax-il sena (18) u għalhekk preżunt li kien jaf x'qed jiġri madwaru sew din il-qorti ma tistax teskludi li 'n-numru ta' snin' li jsemmi l-attur imorru saħansitra lura għal dak iż-żmien u għalhekk ferm *oltre* t-tletin sena tal-preskrizzjoni. *Nonostante* dan iżda l-attur għażel li ma jieħu l-ebda azzjoni ħlief fl-elfejn u sittax (2016) u *cioè* erbgħin sena (40) wara r-reġistrazzjoni tat-twelid ta' Paul Farrugia. F'dan il-kuntest din il-qorti wkoll ma taqbilx ukoll mas-sottomissjoni tal-attur li f'dak iż-żmien huwa ma kellux interess li jintavola l-kawża *stante* li għalkemm missieru kien għadu mimli bil-ħajja l-attur kien jaf jew almenu kellu jkun jaf li finalment hu u ħutu skont il-liġi finalment kienu ser jispiċċaw werrieta ta' missierhom jew almenu jkollhom id-dritt tal-leġittima b'dana li ġà f'dak il-mument *se mai* ġà kellu interess jattakka l-paternità ta' Paul Farrugia sabiex jassikura li jkollu wirt jew leġittima aktar minn dak li finalment ħa mal-mewt ta' missieru.

»Illi *in vista* ta' dak kollu suespost din il-qorti tqis li jdawwarha kif idawwarha l-attur, jirriżulta pruvat lil din il-qorti sal-grad rikjest mil-liġi li filwaqt li ddekorrew erbgħin (40) sena sħaħ mid-data minn meta l-attur personalment jew l-attur fil-vesti tiegħu ta' eredi fiż-żarbun ta' missieru seta jintavola l-kawża odjerna dan għamlu biss fis-sena elfejn u sittax (2016) u *cioè ben oltre* l-perjodu estintiv ta' preskrizzjoni ta' tletin sena (30). *In vista* ta' dan din il-qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Paul Farrugia u Maria Ewkaristika Farrugia u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Lawrence Pisani u tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta.

»*Stante* li tali deċiżjoni dwar il-preskrizzjoni tistultifika kwalunkwe talba oħra ulterjuri fil-kawża intavolata mill-attur din il-qorti f'dan l-istadju ma għandhiex għalfejn tintoltra ruħha fl-eċċezzjonijiet l-oħra preliminari li kienu differiti wkoll għad-deċiżjoni għal-lum.«

5. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-23 ta' Ottubru 2017 li għalih wieġbu l-konvenuti Lawrence Pisani u Maria Ewkaristika Farrugia fis-7 ta' Novembru 2017, il-konvenut Paul Farrugia fl-10 ta' Jannar 2018 u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex fit-2 ta' Lulju 2018.

6. L-aggravji tal-appell huma (i) illi l-art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili ma jolqotx l-azzjoni tiegħu u (ii) illi, ukoll jekk l-azzjoni tintlaqat bl-art. 2143, iż-żmien tal-preskrizzjoni ma jistax jitqies li kien laħaq għadda meta nfetħet il-kawża. L-attur kompla jfisser l-aggravji hekk:

»Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li dan l-artikolu tal-liġi ma huwiex applikabbli għall-każ odjern. L-imsemmi artikolu 2143 (allura

1907) kien jinsab fl-Ordinanza Nº VII tal-1868 u kien jaqra hekk:

> »"1907. Tutte le azioni reali, personali, e miste, si prescrivono col decorso di trenta anni, senza che possa in contrario opporsi il difetto di titolo o di buona fede".

»Il-pre-ambolu għal dik l-Ordinanza kien *"Per emendere e consolidare le leggi concernenti i diritti relattivi alle cose, e i varji modi di aquistarli e di trasmetterli".* L-artikolu li dwaru saret din il-kawża, kif ukoll id-disposizzjonijiet l-oħra kollha konċernanti *"Fuq il-Persuni"* daħal sus-segwentement għall-promulgazzjoni tal-imsemmija Ordinanza. Għal-hekk, hija l-fehma konsidrata tal-appellant li dan l-artikolu tal-liġi japplika biss fir-rigward ta' dawk id-disposizzjonijiet li jitkellmu *"Fuq il-Jeddijiet fuq il-Beni"* u mhux għar-rigward tad-disposizzjonijiet li jitkellmu *"Fuq il-Persuni".* Konsegwentement, id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li għal dan il-każ japplika l-artikou 2143 tal-Kodiċi Ċivili hija bid-dovut rispett żbaljata.

»Mingħajr preġudizzju għal premess, anke jekk l-onorabbli Qorti tal-Appell tasal biex taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel qorti li għal dan il-każ japplika l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili, l-appellant ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-ewwel qorti li l-azzjoni odjerna hija perenta.

»Għar-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni l-appellant għamel is-segwenti argumenti quddiem l-ewwel qorti:

»(i) Illi huwa seta jeżerċita din l-azzjoni wara d-data tal-mewt ta' missieru l-għaliex, sakemm kien għadu ħaj missieru, kien dan tal-aħħar li seta jipproċedi b'kawża, u l-appellant ma kienx ikollu interess jagħmilha.

»(ii) Kien biss reċentement, u wara l-mewt ta' missieru, li l-appellant ġie infurmat minn ommu l-appellata li missieru ma kienx missier l-appellat Paul Farrugia, u li missier dan tal-aħħar kien l-appellant l-ieħor Lawrence Pisani.

»Dwar l-ewwel punt imsemmi hawn fuq, l-ewwel qorti għamlet referenza għal dak li allega l-appellant fl-*affidavit* tiegħu għar-rigward ta' oħtu l-oħra Simone. Simone hija erba' snin u tmien xhur ikbar mill-appellat Paul Farrugia. Fl-*affidavit* tiegħu l-appellant qal li oħtu Simone kienet frott ta' relazzjoni extra-maritali li kellha ommu ma' terza persuna (li ma hijiex l-appellat Lawrence Pisani) u li meta Simone twieldet "missieri ma ridhiex id-dar u dan peress li, skond hu, din ma kinitx tiegħu". … … …

»L-ewwel qorti qalet ukoll li hija ma kinitx taqbel mat-teżi tal-appellant li "l-perjodu preskrittiv beda jiddekorri minn meta huwa wiret il-missieru"… … …

»L-appellant ma jaqbilx ma' dan il-ġudizzju tal-ewwel qorti. Ibda biex, l-assoċjazzjoni bejn dak allegat għar-rigward ta' Simone ma jistax jittieħed bħala stat ta' fatt għar-rigward tal-appellat Paul Farrugia. Jekk id-defunt Giorgio Dolindo Farrugia, skont ma xehed l-appellant, kellu dubju dwar bintu Simone, mhux l-istess jista' jingħad għar-rigward tal-appellat Paul Farrugia. Mill-atti ma jirriżultax li kien hemm xi ħadd li ddubita mill-paternità ta' Giorgio Dolindo Farrugia. Għalhekk l-appellant ma jistax jifhem kif l-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni li waslet għaliha li jekk id-defunt kellu dubbju dwar il-paternità ta' Simone allura huwa kellu wkoll dubju dwar il-paternità tal-appellat Paul Farrugia. Għalhekk huwa ma jistax jaqbel mal-fatt li t-terminu

preskrittiv f'dan il-każ beda għaddej meta twieled l-appellat jew inkellha meta ġie reġistrat l-att tat-twelid tiegħu f'Marzu 1976.

»Illi l-appellant seta' jipproċedi b'dawn il-proċeduri meta huwa wiret lil missieru d-defunt Giorgio Dolindo Farrugia l-għaliex qabel ma kellu l-ebda interess li jagħmel hekk. L-interess tiegħu biex jipproċedi b'dawn il-proċeduri skatta mal-mewt ta' missieru Giorgio Dolindo Farrugia meta huwa wirtu. Mhux il-każ li l-appellant daħal fiż-żarbun ta' missieru. Għalhekk, l-appellant ma jistax jaqbel, bl-akbar rispett lejn l-ewwel qorti, li ż-żmien f'dan il-każ beda jiddekorri minn meta ġie reġistrat l-att tat-twelid ta' l-appellat Paul Farrugia u skada fis-sena 2006 meta kienu għaddew tletin (30) sena minn dak il-fatt.

»Għalhekk fil-fehma tal-appellant, il-perjodu preskrittiv li l-ewwel qorti qalet li huwa applikabbli għal dan il-każ għadu ma skadiex.

»… … …

»Huwa minnu li l-appellant jistqarr li huwa kien jaf għal diversi snin b'din ix-xniegħa dwar l-appellat Paul Farrugia però bl-ebda mod ma dan ifisser li huwa kien jaf b'din l-allegazzjoni minn meta twieled l-appellat Paul Farrugia jew inkellha messu sar jaf meta l-appellant għalaq it-18-il sena l-għaliex skont ma qalet l-ewwel qorti " u għalhekk preżunt li kien jaf x'qed jiġri madwaru sew". Dan apparti l-fatt li kull meta huwa kien jikkonfronta lill-appellata Maria Ewkaristika Farrugia b'din il-kwistjoni hija dejjem kienet tgħidlu li dan ma kienx minnu.

»… … …Il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, u *cioè* li "ma tistax teskludi li 'n-numru ta' snin' li jsemmi l-attur imorru saħansitra lura għal dak iż-żmien u għalhekk ferm *oltre* t-tletin sena tal-preskrizzjoni" bid-dovut rispett lejn dik il-qorti hija waħda żbaljata. Mill-atti jirriżulta li l-appellant kien nieqes minn Malta bejn is-snin 1983 u 1987. Ix-xiehda li huwa ta fl-*affidavit* tiegħu u b'referenza għal kliem "numru ta' snin" bl-ebda mod ma dan il-kliem jista' jingħata interpretazzjoni li l-appellant kien jaf b'dan il-fatt qabel ma huwa siefer. Dak iż-żmien li siefer l-appellant min Għawdex kellu 22 sena u ma hemm xejn mill-atti li jindika li l-appellant dak iż-żmien kien jaf b'dak li qiegħed jallega f'dawn il-proċeduri u *cioè* li l-appellat Paul Farrugia ma kienx iben missieru. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u mhux waħda estensiva. Dan apparti l-fatt li l-appellata Maria Ewkaristika Farrugia dejjem kienet tiċħad dan il-fatt li l-appellat Paul Farrugia ma kienx iben id-defunt Giorgio Dolindo Farrugia.

»Jinsorġi l-argument ta' minn meta t-terminu preskrittiv f'dan il-każ kellu jibda jiddekorri: meta kellu s-suspett (numru ta' snin qabel ġie nieqes missieru) jew inkella meta dan is-suspett ġie ikkonfermat mill-appellata Maria Ewkaristika Farrugia (fis-sena 2013). Jekk l-onorabbli Qorti tal-Appell tiddeċiedi li l-perjodu beda jiddekorri minn meta l-appellant kellu s-suspett, hija għandha tistabilixxi meta kien dan il-perjodu. Mill-atti ma jirriżultax meta l-appellant beda jkollu suspett. L-appellant qal biss numru ta' snin qabel ġie nieqes missieru. B'dawn il-kliem biss, fil-fehma tiegħu, l-ewwel qorti ma setgħetx legalment tasal għal konklużjoni li dawn in-numru ta' snin imorru lura għal meta huwa għalaq it-tmintax-il sena "u għalhekk preżunt li kien jaf x'qed jiġri madwaru sew" jew li l-appellant messu kien jaf b'din l-allegazzjoni meta twieled l-appellat Paul Farrugia. Kif diġà ssottometta l-appellant, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tingħata interpretazzjoni ristrettiva u mhux waħda estensiva. Kien jispetta lill-appellati li jippruvaw li l-appellant kien jaf b'dan il-fatt meta huwa kien għalaq it-18-il sena jew

meta kien twieled l-appellat Paul Farrugia. Din il-prova baqgħet qatt ma saret. Għalhekk, l-appellant huwa tal-fehma li tieħu liema perjodu tieħu, jekk l-onorabbli Qorti ta' l-Appell tiddeċiedi li l-artikolu 2143 tal-Kap. 16 japplika, allura anke f'dan il-każ t-terminu ta' preskrizzjoni għadu ma ddekorriex.«

7. Il-konvenuti Lawrence Pisani u Maria Ewkaristika Farrugia wieġbu hekk għall-appell tal-attur:

»… … …l-appellanti jgħid li din l-azzjoni qiegħda ssir a tenur tal-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili li jagħti d-dritt lil kull min ikollu interess li jattakka l-filjazzjoni ta' tifel imwieled fiż-żwieġ. Illi l-appellant allura qed jużufruwixxi mid-dritt li tagħtih il-liġi fl-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili. L-esponenti ġà kellu okkażjoni jispjega fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu kif l-attur ma għandu ebda interess ġuridiku li jippromwovi din l-azzjoni, kif azzjoni bħal din mhux miftuħa għall-aħwa tat-tifel li l-filjazzjoni tiegħu fiż-żwieġ qiegħda tiġi attakkata u għal ħadd aktar ħlief għall-missier fil-proċeduri ta' kawża għad-*denegata paternità* u tal-omm għan-nom tat-tifel u tat-tifel fl-azzjoni ta' riċerka tal-paternità. L-aħwa, jew kien min kien, jissubentraw fid-dritt li jippromwovu dina l-kawża meta l-missier ma jilħaqx (għax ikun laħaq miet) jagħmel il-kawża *entro* s-sitt (6) xhur li tagħtih il-liġi (u għalhekk jidħlu bħala eredi tal-missier f'dan id-dritt) jew tat-tifel (u allura jidħlu l-istess bħala eredi tiegħu) jew tal-omm, imma ma jeżisti ebda dritt favur l-aħwa indipendenti minn dak li l-liġi tagħti lill-missier, lill-omm u lill-ulied. Naturalment l-ewwel onorabbli qorti ma ddeċidietx dwar il-kwistjoni ta' interess ġuridiku favur l-attur għax dehrilha li l-azzjoni fi kwalunkwe każ kienet estinta bil-mogħdija taż-żmien. Imma *oltre* din il-kwistjoni ta' preskrizzjoni trentennali li tolqot lil kull azzjoni, l-attur lanqas għandu interess ġuridiku li jippromwovi din l-azzjoni u l-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax għalih bħala wieħed li għandu interess.

»Dak li jgħid l-appellant … tar-rikors tal-appell tiegħu huwa *non sequitur*. Jekk is-sezzjoni tal-liġi dwar il-preskrizzjoni daħlitx fis-seħħ qabel is-sezzjoni jew it-Titolu *Dwar il-Persuni* ma jagħmel ebda differenza. Il-fatt hu li l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem dwar l-'azzjoni kollha, reali personali jew misti'. L-istitut tal-preskrizzjoni jinsab fil-Kodiċi Ċivili, huwa parti minn korp wieħed ta' liġijiet u għalhekk japplika wkoll għal kull parti tal-Kodiċi Ċivili. Dan apparti li japplika wkoll għal kull parti tal-ordinament ġuridiku Malti fl-interezza tiegħu. Id-deduzzjoni li jasal għaliha l-attur appellant li l-istitut tal-preskrizzjoni japplika biss għal 'Beni' u mhux ukoll għal 'Persuni' hija assurda u bla ebda bażi. Anzi kuntrarjament għal dak li qed jaħseb u jissottometti l-attur appellanti hija presunta l-preskrizzjoni ankw fl-istitut tal-filjazzjoni stess u dana senjatament kif irriteniet l-ewwel onorabbli qorti u rritjena l-esponenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li l-artikolu 87 tal-Kap. 16 jirrikonoxxi (*a contrario sensu*) l-preskrizzjoni fi kwistjoni ta' filjazzjoni meta jgħid espressament "M'hemmx preskrizzjoni għal azzjoni tat-tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni tiegħu".

»… … … l-appellant għamel argumenti li minnhom innifishom huma kontradittorji. Jibda biex jgħid li "huwa seta' jeżerċita' din l-azzjoni wara d-data tal-mewt ta' missieru l-għaliex, sakemm kien għadu ħaj missieru, kien dan ta' l-aħħar li seta' jipproċedi b'kawża, u l-appellant ma kellux interess li jagħmilha". Hawnhekk l-appellant qed jammetti li

huwa ma kellu qatt interess ġuridiku li jesperimenta l-kawża odjerna. Il-persuna li kellha interess ġuridiku li jagħmel din il-kawża kien missieru. Li jfisser allura (u dan kif dejjem ġie ritenut mill-ġurisprudenza) li l-aħwa ma għandhomx azzjoni kontra xulxin sabiex jagħmlu din il-kawża. Kwalunkwe dritt għalhekk li jista' jkollu l-attur appellant ġej minn missieru u qed jisperimenta din l-azzjoni bħala eredi ta' missieru. Hu stess qed jgħid li, sa meta missieru kien għadu ħaj, huwa ma setax jagħmel din il-kawża. Allura d-dritt li jagħmel din il-kawża huwa dritt derivattiv bħala werriet ta' missieru. Min dan joħorġu dawn il-konklużjonijiet:

»i. Jekk id-dritt tal-azzjoni li għandu l-attur jidderiva minn missieru u missieru ma għamilx użu minn dan id-dritt, għax ma riedx, għax kien kuntent jew għax tilef dan id-dritt; mhux mogħti għalhekk dritt lill-attur li jisperimenta l-azzjoni li l-awtur tiegħu m'għamilx, jew ma riedx jagħmel jew tilef id-dritt li jagħmel.

»ii. Jekk id-dritt tal-azzjoni li qed jgħid li għandu l-attur jidderiva minn missieru, missieru kien tilef dan id-dritt ta' azzjoni a tenur tal-artikolu 73 tal-Kodiċi Ċivili *stante* li dan naqas li jagħmel il-kawża għad-*denegata paternità* fi żmien sitt (6) xhur kif hemm imsemmi fl-istess artikolu.

»iii. *Ancorché* wieħed jinsa għal mument l-applikazzjoni tal-artikolu 73 fil-konfront tal-missier u jinjorah, it-terminu ta' tletin (30) sena jirriżulta li għadda a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili għaliex la din hija azzjoni spettanti lill-missier u l-attur qed jaġixxi bħala aventi kawża minnu t-terminu li laħaq għadda fil-konfront tal-missier irid jingħaqad ma' dak tal-attur odjern.

»iv. Għalhekk illum l-attur ma jistax iġib l-iskuża li huwa ma setax jagħmel il-kawża qabel ma miet missieru għaliex huwa qed jaġixxi kif jistqarr hu stess bħala 'suċċessur ta' missieru u xejn aktar'.

»L-attur ikompli jgħid … li "kien biss reċentement, u wara l-mewt ta' missieru li l-appellant ġie infurmat minn omm l-appellant li missieru ma kienx jaf li l-appellant Paul Farrugia, u li missier dan ta' l-aħħar kien l-appellat l-ieħor Lawrence Pisani". Din l-allegazzjoni hi invenzjoni tal-appellant li qiegħda ssir issa fir-rikors tal-appell tiegħu li ma taqbel xejn mal-versjoni li huwa sostna sal-lum. Imma minnha joħorġu s-segwenti konklużżjonijiet:

»i. Jekk it-terminu ta' sitt (6) xhur kien għadda għal missieru, jirriżulta li għadda għalih ukoll jekk dina hija kawża derivattiva.

»ii. L-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili jirrigwarda sew il-preskrizzjoni akkwiżittiva kif ukoll dik estintiva. It-terminu jirriżulta li għadda u għalhekk illum l-azzjoni tinsab estinta indipendentement minn meta sar jaf b'dak li jgħid li sar jaf l-attur.

»… … … [L-attur] qiegħed jaġixxi bħala eredi ta' missieru jew mhux? Jekk bħala eredi ta' missieru, t-terminu jirriżulta li skada in abbundanza. Jekk qiegħed jaġixxi *de proprio* jispiċċalu l-interess ġuridiku li jippromwovi din l-azzjoni kif *del resto* huwa stess qed jammetti. Jekk kif qed jgħid hu "l-appellant seta' jaġixxi b'dawn il-proċeduri meta huwa wiret lil missieru d-defunt Giorgio Dolindo Farrugia l-għaliex qabel ma kellu ebda interess jagħmel hekk" allura kull żmien li kien laħaq iddekorra fil-ħajja ta' missieru jrid jiżdied ma' dak li laħaq għadda wara l-mewt ta' missieru sa meta huwa ddeċieda li jieħu azzjoni. Fil-fatt hekk irraġunat u kkonkludiet l-ewwel onorabbli

qorti u hekk biss jagħmel sens legali.

»… … … kienx jew meta kien jaf bl-allegazzjoni li avvanza f'din il-kawża u meta sar jew seta' sar jaf huwa għal kollox irrilevanti. Jekk id-dritt li jaġixxi kif qed jammetti huwa stess huwa derivat minn missieru li huwa l-unika persuna li setgħet tagħmel l-azzjoni għad-*denegata paternità* allura kull żmien li seta' ddekorra fil-konfront ta' missieru japplika għalih ukoll u jrid jiżdied ma' dak li laħaq għadda wara l-mewt ta' missieru. Dan il-prinċipju jeżisti bħala prinċipju ġenerali tal-liġi (għax hekk biss tagħmel sens il-preskrizzjoni u jsib l-espressjoni posittiva tiegħu fl-artikolu 530 u 2142 tal-Kodiċi Ċivili.

»Għalhekk ma tagħmel ebda differenza jekk kienx preżunt jew kienx jaf jew setax kien jaf u meta seta' kien jaf l-attur bil-fatti li huma oġġett tal-allegazzjoni minnu avvanzata f'dina l-kawża, għaliex effettivament it-terminu preskrittiv kien għadda fi kwalunkwe każ u dan huwa terminu ta' preskrizzjoni estintiva.«

8. Il-konvenut Paul Farrugia mbagħad wieġeb hekk għall-appell tal-attur:

»Applikabilità tal-art. 2143, Kod. Ċiv.

»… … …

»Kuntrarjament għal dak li jargumenta l-appellant, kif qalet tajjeb l-ewwel qorti l-azzjoni tentata minnu tinsab preskritta bid-dekors ta' 30 sena minn meta setgħet tiġi eżerċitata minnu, u *cioè* mid-data tat-twelid tal-esponent.

»… … …

»Irrispettivament minn meta ġiet promulgata d-disposizzjoni li tagħti lill-appellant il-jedd ta' azzjoni li qed jittenta jeżerċita, din id-disposizzjoni dwar preskrizzjoni estintiva ma tagħmel ebda eċċezzjoni – bil-maqlub, l-art. 2143 jgħid espressament li din il-preskrizzjoni toqtol 'l-azzjonijiet kollha … personali'.

»Fis-sentenza appellata l-ewwel qorti daħlet fid-dettall f'din il-kwistjoni tal-applikabilità *o meno* tal-preskrizzjoni estintiva trentennali għal din l-azzjoni partikolari. Korrettament, il-qorti qalet li 'appuntu fejn il-leġislatur ried li dan l-artikolu ma japplikax għal xi azzjoni partikolari dan ġie speċifikat fil-liġi kif fil-fatt sar fil-każ tal-artikolu 84 tal-Kap 16 tal-Liġi ta' Malta' – fir-rigward tal-azzjoni mogħtija lill-wild biex jistabbilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu.

»… … …

»L-ewwel qorti spjegat ukoll il-motivazzjoni tal-liġi wara din il-preskrizzjoni ġenerali li toqtol l-azzjonijiet kollha, inkluż dawk personali, mogħtija lill-missier naturali, lir-raġel tal-ommu u lit-terzi. … … …

»L-ewwel qorti kienet korretta wkoll fid-deċiżjoni tagħha dwar min iġorr l-oneru tal-prova fil-każ ta' eċċezzjoni bil-preskrizzjoni estintiva.

»… … …

»F'dan il-każ, irriżulta ċar li l-attur ħa 41 sena biex intavola din l-azzjoni, kemm għandu żmien l-esponent, meta fil-verità kellu 30 sena mid-data tat-twelid tal-esponent biex jagħmel dan. Il-liġi tagħna tipprovdi ċar fl-art. 2137 tal-Kodiċi Ċivili li:

> »“... il-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista’ tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.”

»Konsegwentement, kienet korretta l-ewwel qorti fil-konklużjoni tagħha li ‘jirriżulta li għal dak li huwa obbligu da parti tal-konvenuti li jipruvaw it-trapass tal-perjodu ta’ tletin sena (30) dan jirriżulta li ġie pruvat u anki *ben oltre*’.

»Bidu tal-preskrizzjoni tal-azzjoni

»L-appellant jargumenta wkoll li, fil-każ li japplika l-art. 2143, hu ma setax ressaq din it-talba qabel miet missuer Giorgio Dolindo Farrugia.

»Dan l-argument l-appellant ressqu wkoll quddiem l-ewwel qorti, li ddikjarat ċar li b’dan l-argument tiegħu qed jikkonfondi l-vesti tiegħu, u l-azzjoni li qed jittenta.

»Jekk l-appellant qed jinsisti li aġixxa fil-kwalità tiegħu ta’ ‘werriet’ jew ‘suċċessur’ ta’ Giorgio Dolindo Farrugia, allura l-azzjoni li kellu jintavola mhix din, imma l-azzjoni tad-*denegata paternità*. Però f’dak il-każ japplika l-art. 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili li jimponi terminu perentorju ta’ 6 xhur mit-twelid tal-wild lir-raġel tal-omm li jrid jikkontesta l-filjazzjoni ta’ binha mwieled fiż-żwieġ.

»L-appellant però jgħid li aġixxa fil-vesti tiegħu personali, diversi snin wara l-mewt ta’ missieru li minn jeddu kien mar jirreġistra lill-esponent bħala ibnu fir-Reġistru Pubbliku. F’dik il-vesti l-appellant, sa mit-twelid tal-esponent, kellu jeddijiet li tagħtih il-liġi x’jikkawtela – fosthom il-jedd għal-leġittima dak iż-żmien – u għalhekk m’għandux raġun iġib skuża bil-fatt li missieru kien għadu ħaj u kien għadu ma wirtux.

»… … …

»16. Konsegwentement, anke dan l-aggravju tal-appellant jirriżulta infondat u għandu jiġi miċħud.

»Apprezzament tal-provi

»L-aħħar aggravju tal-appellant jirrigwardja l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel qorti dwar meta jgħid li beda jissuspetta li l-esponent mhux iben missieru.

»Skond l-Att ta’ Twelid tal-esponent, missier l-esponent (u r-raġel ta’ omm il-partijiet) Giorgio Dolindo Farrugia innifsu rreġistra t-twelid tal-esponent fir-Reġistru Pubbliku. Dan seħħ aktar minn 41 sena ilu, u 40 sena qabel ma l-attur fetaħ din il-kawża. L-attur appellant ħalef aktar minn darba f’dawn il-proċeduri li “jaf bħala fatt” li l-esponent mhuwiex iben Giorgio Dolindo Farrugia, li dan ilu jafu diversi snin, sa minn meta kien għadu ħaj missierhom.

»L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ta’ fatt dettaljat u raġunat f’dan ir-rigward...

»… … …

»Kif ġà fuq ċitat, il-liġi tagħna hija ċara li ż-żmien tal-preskrizzjoni jibda jgħaddi mill-ewwel jum li l-azzjoni setgħet ġiet eżerċitata – *ossia* mid-data tar-reġistrazzjoni tat-twelid tal-esponent meta missier il-partijiet Giorgio Dolindo Farrugia minn jeddu ddikjarah bħala ibnu – mingħajr ma jittieħed qies taċ-ċirkostanzi personali tas-soġġett attiv li kellu dak il-jedd ta’ azzjoni, u li allura seta’ jeżerċitah minn dakinhar. L-ewwel qorti applikat din il-liġi għad-dikjarazzjonijiet ta’ fatt li għamel l-appellant innifsu, u korrettement sabet li l-azzjoni tentata minnu tinsab

preskritta.«

9. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex wieġeb hekk għall-appell tal-attur:

> »Illi l-esponent permezz tar-risposta ġuramentata esebita in atti quddiem l-ewwel qorti ma opponiex it-talbiet kif dedotti tal-attur llum appellant u rrimetta ruħu għas-savju ġudizzju tal-onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja;
>
> »Illi … fir-rigward tal-aggravji mressqa l-esponent jerġa' jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' dina l-onorabbli Qorti tal-Appell u dan mingħajr preġudizzju illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni l-azzjoni tal-attur llum appellant u konsegwentement l-appell mhumiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi dan tal-aħħar m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża u tal-appell istanti. Infatti l-esponenti *qua* Direttur Reġistru Pubbliku ma għandu l-ebda konnessjoni mal-mertu ta' din il-kawża u r-rwol tiegħu hu sempliċe-ment sabiex iwettaq il-korrezzjonijiet u l-annotamenti neċessarji li jiġu ordnati lilu mill-qorti;
>
> »L-esponent ser jgħaddi sabiex jagħmel osservazzjoni biss dwar l-aggravju tal-appellant li jittratta l-preskrizzjoni estintiva *ai termini* tal-artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u *cioè* bit-terminu ta' preskrizzjoni estintiva ta' tletin sena (30).
>
> »F'dan ir-rigward, wieħed irid jistaqsi jekk għandhomx japplikaw jew le dawn l-artikoli tal-liġi u dwar jekk azzjoni ta' *denegata paternità* tistax tissejjaħ azzjoni reali jew personali.
>
> »… … …«

10. Dwar l-ewwel parti tal-aggravju tal-attur – jekk l-azzjoni tintlaqatx bil-preskrizzjoni taħt l-art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili – il-qorti tosserva illi, kif tgħid espressament il-liġi stess – "l-azzjonijiet *kollha* … jaqgħu bi pre-skrizzjoni" –, dan l-artikolu jolqot l-azzjonijiet kollha, mhux biss dawk li jolqtu l-beni iżda wkoll dak li jolqtu lill-persuni. Il-fatt li dan l-artikolu kien inkorporat fl-Ordinanza VII tal-1868, li ma kinitx tirregola dak li llum jinsab fl-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, *Fuq il-Persuni*, ma jfissirx illi l-azzjonijiet imnissla mid-disposizzjonijiet tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili ma jintlaqtux bl-art. 2143.

11. Fil-*Fonti ed Annotazioni all'Ordinanza VII del 1868* Adriano Dingli igħid illi l-għejjun tal-art. 1907 tat-Ordinanza – illum l-art. 2143 tal-

Kodiċi Ċivili – huma "*tutti*", *i.e.* il-kodiċijiet kollha konsultati minnu, ukoll dawk fejn il-disposizzjonijiet *Fuqi l-Persuni* u dawk *Fuq il-Beni* kienu f'kodiċi wieħed. Ukoll, fid-daħla għall-*Fonti ed Annotazioni* jgħid illi "*L-Ordinanza è divisa in due parti perché la materia che contiene è nei Codici divisa in due parti. Quando saranno codificati i diritti delle persone, le due parti di questa Ordinanza saranno i libri 2$^{do}$ e 3$^{zo}$*"[1]. Dan juri li sa mill-bidu l-ħsieb kien illi l-Kotba *Fuq il-Persuni* u *Fuq il-Beni* jkunu parti minn Kodiċi Ċivili wieħed. Għalhekk l-argument tal-attur huwa msejjes fuq premessa żbaljata.

12. Barra minn hekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi l-art. 84 tal-Kodiċi Ċivili – "M'hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni għal tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu" – juri *a contrario sensu* li l-azzjonijiet l-oħra ħlief dik tat-tifel imsemmija f'dak l-artikolu jintlaqtu bi preskrizzjoni.

13. Dwar il-bqija tal-aggravju, il-qorti tosserva illi qabel xejn irid jiġi determinat fuq xiex hija msejsa l-azzjoni tal-attur, *viz.* jekk l-attur huwiex qiegħed jagħmel din l-azzjoni *iure proprio* jew bħala werriet ta' missieru. Dwar dan, l-attur jgħid hekk fir-rikors tal-appell tiegħu:

> »… … … l-appellant seta' jipproċedi b'dawn il-proċeduri meta huwa wiret lil missieru d-defunt Giorgio Dolindo Farrugia l-għaliex qabel ma kellu l-ebda interess li jagħmel hekk. L-interess tiegħu biex jipproċedi b'dawn il-proċeduri skatta mal-mewt ta' missieru Giorgio Dolindo Farrugia meta huwa wirtu.«

14. Jekk ma setax jagħmel il-kawża meta kien għadu ħaj missieru, għax f'dak iż-żmien kien missieru u mhux hu li kellu l-interess ġuridiku meħtieġ, mela l-attur qiegħed jagħmel il-kawża bħala werriet ta' missieru, u għalhekk l-azzjoni hija regolata bl-art. 74 tal-Kodiċi Ċivili:

---

1 Illum iż-żewġ partijiet tal-Ordinanza VII tal-1868 huma Taqsima I u Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili.

»**74.** Jekk wieħed mill-konjuġi jmut mingħajr ma jkun għamel l-azzjoni taċ-ċħid tat-tifel, iżda qabel ma jkun għalaq iż-żmien indikat fl-artikolu 73(*a*), (*b*) jew (*ċ*)[2], il-werrieta jistgħu jmexxu dik l-azzjoni fi żmien sitt xhur li jibdew mill-ġurnata li fiha l-beni tal-mejjet igħaddu fil-pussess tat-tifel, jew mill-ġurnata li fiha l-werrieta jiġu immolestati mit-tifel fil-pussess ta' dawk il-beni.«

15. Giorgio Dolindo Farrugia miet wara li kien għadda ż-żmien li fiha seta' jagħmel l-azzjoni, u għalhekk l-azzjoni ma baqgħetx miftuħa għall-werrieta tiegħu. L-attur għalhekk seta' jagħmel l-azzjoni biss *iure proprio*, taħt l-art. 77 tal-Kodiċi Ċivili, għalkemm igħid fis-silta miġjuba fuq illi l-interess ġuridiku tiegħu huwa mnissel minn missieru u mhux interess tiegħu proprju. L-art. 77 igħid hekk:

»**77.** Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81[3], il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:

»(*a*) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-im-possibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew

»(*b*) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel.«

16. Id-*dies a quo* huwa dakinhar tat-twelid u mhux dakinhar li jitnissel suspett dwar il-paternità. Fejn l-azzjoni tintlaqat bi preskrizzjoni l-liġi tagħmel eċċezzjoni u tippermetti sospensjoni taż-żmien fi tliet każijiet biss: meta l-azzjoni tkun saret mill-konjuġi u jew (i) dan ikun nieqes minn Malta fiż-żmien tat-twelid[4] jew (ii) meta t-twelid ikun inħeba b'qerq[5] jew (iii) meta l-Qorti tal-Familja tagħti awtorizzazzjoni biex l-

---

[2] Fil-każ tallum sitt xhur mit-twelid.

[3] L-art. 81 – "(2) ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu" – jolqot il-meritu tal-azzjoni u mhux il-preskrizzjoni.

[4] Art. 73 (*b*), Kod Ċiv.

[5] Art. 73 (*ċ*), Kod Ċiv.

azzjoni ssir wara li jkun għadda ż-żmien[6], u mhux ukoll f'każijiet oħra, bħal meta jkun inħeba l-adulterju. Il-fatt li s-suspett ta' adulterju jqum wara ma jissospendix iż-żmien, la fil-każ li l-azzjoni jagħmilha l-missier u anqas u anqas fil-każ li l-azzjoni ssir minn terzi interessati.

17. Sewwa qalet għalhekk l-ewwel qorti li l-azzjoni waqgħet bi preskrizzjoni.

18. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[6] Art. 73, l-ewwel *proviso*, Kod. Ċiv.